

HOTEL MICHELANGELO PALACE 4*
FIĊ-ĊENTRU TA' TERNI

**7 t'ijiem**

## Italian Jewels

# Umbria, Toscana, Lazio

## Grupp A: 19 – 25 t'April
## Grupp B: 12 – 18 ta' Ġunju

**INŻURU: Ruma, Terni, Castello Gandolfo, Perugia, Orvieto, Cascate delle Marmore, Assisi, Spoleto, Gubbio, Foligno, Tivoli, Arezzo.**

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)

| | Prezz Normali | Prezz Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €860 | €810 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €855 | €805 |
| Kamra ta' persuna waħda | €980 | €930 |
| Tfal sa 11-il sena ma żewġ adulti | €700 | €650 |
| Half Board | | €180 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mal-Air Malta Malta -Ruma-Malta
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (Entraturi mhux inklużi)
- 6 iljieli - Hotel Michelangelo Palace 4*
- Breakfast kuljum.
- Taxxi ta' l-ajruport u city tax
- Tour-leader.
- Insolvency Protection

### L-Ewwel Jum
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta`Malta fil-05.25 għat-titjira Air Malta KM612 li ttir fis 07:25 lejn l-ajruport ta' **RUMA** u naslu fid-09:00am. Tluq bil-kowċ lejn l-ewwel destinazzjoni tagħna fir-reġjun ta' **Lazio**, **CASTELLO GANDOLFO U LAGO ALBANO.** Dawra orjentali mal-leader madwar il-belt, ir-residenza tas-sajf tal-Papa. Inżuru Piazza della Liberta', Via Roma, Via Palazzo Pontificio u l-belvedere biex ingawdu l-isbaħ veduti tal-Lago Albano. Ħin liberu. Inkomplu bil-kowċ lejn ir-Reġjun ta' **Umbria** fil-belt ta' **TERNI**. Sistemazzjoni fil-hotel **Hotel Michelangelo Palace 4*** u ħarġa mal-leader. **Ċena fil-hotel.**

### It-Tieni Jum
Breakfast u llum lestejna eskursjoni fejn ser immissu wkoll ir-re**ġ**iun tat-**Toscana**, '**AREZZO'** belt imdawra b'monumenti, knejjes u palazzi li joffru lill-viżitatur itinerarju ewlieni mill-isbaħ. Mal-leader inżuru Piazza Guido Monaco, Bażilika San Francesco, Maria Delle Pieve, Piazza Grande, Palazzo della Provincia, Piazza della Liberta' u l-Katidral ta' San Pietru u San Donato. Ħin liberu fit-triq eleganti mimlija ħwienet, Corso Italia. Wara nofsinhar tluq lejn Terni. (Grupp A) Filgħaxija nipparteċipaw ma' ħafna pellegrini fil-purċissjoni bl-istatwa ta' Kristu mejjet u l-Madonna tad-Duluri li toħroġ mill-knisja ta' San Franġisk.(Grupp B) Meta naslu Terni ħin liberu għal shopping u personal sightseeing. **Ċena fil-hotel**.

### It-Tielet Jum
Breakfast. Wara nitilqu lejn il-Lbiċ t'Umbria biex niskopru l-belt ta' **ORVIETO**. Dawra mal-leader biex inżuru l-Katidral li għandu faċċata kapolavur tal-Medju Evu, Corso Cavour, Torre Del Moro, Via Duomo u l-pjazza eleganti della Repubblika. Ħin liberu u wara nitilqu lejn **CASCATA DELLE MARMORE** (Extra) fost l-ogħla fl-Ewopa li saret waħda mill-aktar attrazzjonijiet naturali u spettakolari fl-Umbria. Ritorn lejn Terni u (Grupp A) nassistu "Celebrazione della Veglia Pasquale". **Ċena fil-hotel.**

### Ir-Raba' Jum
Breakfast. Illum l-Eskursjoni ser toħodna lejn **GUBBIO** belt medjevali fejn inżuru Giardini del 40 martiri, Via Repubblika, Via XX Settembre, Palazzo dei Consoli u Piazza Grande minn fejn naraw veduta panoramika tal-widien ta' Umbria. Ħin liberu u wara tluq lejn **FOLIGNO.** Nagħmlu mixja fiċ-ċentru storiku fejn niskopru numru ta' bini reliġjuż sabiħ u palazzi nobbli. Inkomplu lejn Porta Romana, Corso Cavour, Katidral San Feliciano u finalment Piazza della Repubblika fejn hemm Municipio sabiħ immens. Ħin liberu u wara ritorn lejn il-lukanda għaċ-ċena.

### Il-Ħames Jum
Illum l-eskursjoni tibda qalb għelieqi rikki f'vinji, siġar taż-żebbuġ u l-irħula famużi fuq l-għoljiet. Inżuru l-belt Franġiskana ta' **ASSISI** fejn niskopru kapolavuri tar-Rinaxximent. Mal-leader niskopru l-Bażilika ta' San Franġisk ta'Assisi li hija Wirt Dinji fejn hemm il-qabar tal-Qaddis u kapolavuri kbar ta' Giotto, Via Francesco, Piazza del Comune u l-Bażilika ta' Santa Chiara. Ħin liberu biex ingawdu l-atmosfera ta' l-Għid ġewwa ċ-Centru Storiku ta'Assisi u wara nitilqu lejn il-Bażilika Santa Maria degli Angeli u l-porziuncola. Bil-kowċ inkomplu lejn **SPOLETO** destinazzjoni turistika fejn niskopru l-Katidral, Piazza della Liberta' u Corso Mazzini. Ħin liberu u ritorn lejn il-hotel f'Terni għaċ-ċena.

### Is-Sitt Jum
Breakfast. Nibdew il-ġurnata bi vjaġġ fl-akbar belt ta' Umbria, **PERUĠIA**. Mat-tour leader inżuru ċ-ċentru Storiku fejn niskopru mini taħt l-art u kmamar tal-fortizza Rocca Paolina, Piazza Italia, Corso Pietro Vannicci, Piazza della Repubblica, Katidral u l-belvedere ta' Giardini Carducci. Ħin liberu u wara tluq lejn **CASA DEL CIOCCOLATA PERUGINA** fejn nagħmlu tour fil-fabbrika biex ngħixu esperjenza unika taċ-ċikkulata (Extra). Ritorn lejn Terni. Ċena fil-hotel.

### Is-Seba' Jum
Wara l-breakfast inħallu Terni u nibdew il-vjaġġ lejn ir-reġjun ta' **Lazio** biex immorru fil-belt Kapitali **RUMA**. Kif naslu bil-kowċ ikollna city tour parti bil-mixi mal-leader madwar Ruma fejn niskopru aktar siti storiċi ġewwa Ruma. Naraw Piazza del Popolo, Piazza di Spanja, Piazza Venezia, Fontana di Trevi, u Piazza Navona. Ħin liberu u wara nitilqu lejn **TIVOLI** fejn naraw Villa d'Este (Extra) tas-Seklu 16 bil-famuż ġnien tar-Rinaxximent Taljan b'abbundanza ta' funtani. Wara mmorru l-ajruport ta' Fiumiċino biex nirritornaw lejn Malta bl- Air Malta KM 615 li jitlaq fid-20:50.

